***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u għaxar laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 17 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |

Is-Sur Cedric Valletta kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk is-Sur Cedric Valletta ġie skużat mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

3.1 Il-minuti tat-tliet mija u tmien laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

*3.2* Il-minuti tat-tliet mija u disgħa laqgħa (laqgħa ta' urġenza) tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Greenpak – Ġbir ta' skart*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbgħatet ittra lill-Uffiċċjal Awtorizzat biex il-Gwardjani Lokali joħorġu twissijja lil dawk ir-residenti li joħorġu skart imħallat nhar ta' Tlieta.

Ġie deċiż li f'Ġunju ssir laqgħa mal-Greenpak biex naraw jekk kienx hemm xi żieda fil-piż ta' skart separat miġbur fil-Ħamrun.

Fis-5.50pm il-Viċi Sindku u s-Sur Mario Caruana daħlu għal-laqgħa.

*4.2 Kanuni*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kappillan tal-Paroċċa San Gejtanu, il-Perit tal-Kurja u s-Sur Magro Conti mill-*Heritage Malta*. Il-Perit tal-Kurja insista li jkollu *survey sheet* tax-xelter u l-Knisja. Is-Sindku spjega li kien talab lill-Perit Anthony Bezzina biex jikseb dawn il-pjanti mill-*Public Works*.

*4.3 M'Angelo Chircop*

Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mas-Sur Chircop. Hija spjegat li dan ta' l-aħħar ressaq numru ta' suġġerimenti għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-18 ta' April u s-17 ta' Mejju 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

*5.1 Transport Malta – Reserved Parking Bay fi Triq Maitland*

Il-Kunsill irċieva ittra minn Transport Malta fejn talbu biex titneħħa r-*Reserved Parking Bay* li hemm mingħajr permess quddiem 9, 'El Shaddai', Triq Maitland. Il-Kunsill iddeċieda li jqabbad lill-Koptasin biex iħasru din ir-*Reserved Parking Bay*.

*5.2 Bonnici Bros Ltd. - Appell*

Il-Kunsill ġie nfurmat li wara li l-istess Kunsill rebaħ il-kawża tal-Qorti li nfetħet mill-kumpanija Bonnici Bros għal-€4,770.46, il-kumpanija Bonnici Bros Ltd. appellat mis-sentenza.

*5.3 Ħamrun Spartans F.C – Fondi mill-Urban Improvement Fund*

Il-Ħamrun Spartans F.C talbu biex jibbenefikaw mill-*Urban Improvement Fund* bħala *NGO* għax-xiri ta' *floodlights* tal-grawnd. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li japplika għan-nom tal-Ħamrun Spartans F.C bħala NGO jekk dawn jissodisfaw ir-rekweżiti mitluba mill-MEPA.

*5.4 Sur Victor Cilia – Aċċess għall-garaxx*

Is-Sur Cilia lmenta li l-aċċess għall-garaxx tiegħu qed ikun ostakolat bil-vetturi peress li s-sinjali ta' l-art huma qosra. Huwa talab li titkabbar il-kaxxa safra quddiem il-garaxx li għandu fi Triq Mile End. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.5 Hospice Movement - Preżentazzjoni*

Il-Kunsilli ġew avviċinati mill-*Hospice Movement* biex jagħmlu preżentazzjoni f'waħda mill-attivitajiet tal-Kunsilli. Ġie deċiż li jiġu mistiedna waqt laqgħa edukattiva dwar is-saħħa.

*5.6 Sinjura Dimech – Talba għall-ħadida*

Is-Sinjura Dimech talbet biex titwaħħal ħadida quddiem r-residenza tagħha 274, Triq San Gejtanu biex vetturi ma jkissrux il-kaptelli tad-drenaġġ. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.7 Skola Sekondarja Subien, Marsa – Prize Day*

Il-Kunsill irċieva stedina għall-*Prize Day* ta' l-Iskola Sekondarja Subien, Marsa li ser issir nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2012 fis-6.30pm. Il-Kunsill kien mistieden ukoll jippreżenta xi kotba bħala premijiet speċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din tiġi kunsidrata bħala donazzjoni u għalhekk ma tistax issir.

*5.8 1st Ħamrun Scout Group – Ċelebrazzjonijiet għaċ-Ċentinarju*

Il-1st Ħamrun Scout Group talbu laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskutu l-programm ta' attivitajiet għaċ-ċentinarju ta' l-iscouts.

*5.9 TCTC – IKIDS project*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jorganizza korsijiet tal-IT għat-tfal bejn l-4 u l-10 snin taħt il-programm IKIDS. Il-ħlas dovut mill-Kunsill huwa dak ta' €1,100 filwaq li l-kors ikun mingħajr ħlas għall-istudenti. Il-Kunsill approva li jorganizza dawn il-korsijiet li ser ikunu miftuħa għat-tfal kollha Ħamruniżi bejn l-4 u l-10 snin.

*5.10 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattivi Kulturali 2011*

Il-Kunsill ingħata żmien sat-18 ta' Mejju biex jippreżenta l-irċevuti fiskali tal-ħlasijiet li saru relatati mal-Festival taċ-Ċikkulata 2011. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawk l-entitajiet jew persuni li jonqsu milli jippreżentaw irċevuti jew dikjarazzjoni ser jiġu rapurtati lill-Kummissarju tal-VAT.

*5.11 Sur Clifford Vella – Ktieb dwar Leġġendi*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jixtru ktieb miktub mis-Sur Clifford Vella bl-isem 'Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin' għal ħlas ta' €9.50. Il-Kunsill approva li jinxtara ktieb għall-librerija tal-Kunsill.

*5.12 Sinjorina Violet Galea – Kanonku Dun Ġorġ Bonello*

Is-Sinjorina Galea talbet lill-Kunsill biex jikkunsidra li jew tisemma triq jew issir bust jew lapida biex tikkommemora lill-Kanonku Dun Ġorġ Bonello. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Kappillan tal-Paroċċa San Gejtanu kupjata lis-Sinjorina Galea fejn jintalab biex titwaħħal lapida mal-Knisja tas-Samra biex tikkommemora l-ħidma tal-Kanonku Dun Ġorġ Bonello.

*5.13 Sur Francis Zammit - Kontravenzjoni*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Żammit rigward kontravenzjoni li ngħatat lis-Sinjura Erika Scerri li kellha vettura ipparkjata quddiem l-entratura tal-Victor Tedesco Stadium. Huwa talab li din tiġi mħassra. Ġie deċiż li s-Sur Żammit jintalab jikteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet.

*5.14 Giovanni Obligato – Proposta ta' Ġemellaġġ*

Il-Kunsill ġie avviċinat mis-Sur Obligato bi proposti ta' Ġemellaġġ mal-Comune ta' Ciro f'Calabria, Italja. Huwa spjega li ma kienx ser jinvolvi finanzjament mill-Kunsil Lokali Ħamrun. Ġie deċiż li s-Sur C. Valletta u s-Sur M. Caruana jiltaqgħu mas-Sur Obligato biex jiksbu aktar informazzjoni.

*5.15 Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u mard preventiv - Aerobics*

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Diviżjoni tas-Saħħa qed torganizza korsijiet ta' *Aerobics* mingħajr ħlas. Jeħtieġ li l-Kunsill jipprovdi post fejn jistgħu jsiru lezzjonijiet tal-*Aerobics*. Ġie deċiż li l-Kunsill javviċina l-iskejjel biex jinstab post adattat.

*5.16 Assoċjazzjoni Kunsill Lokali – Seminar dwar l-Enerġija u t-tibdil fil-klima*

Il-Kunsilli ġew mistiedna għas-Seminar li ser isir is-Sibt 7 ta' Lulju 2012 dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Id-data ta' l-għeluq tar-reġistrazzjoni hija l-Ġimgħa 29 ta' Ġunju 2012.

*5.17 MEPA – Skedar ta' propjeta'*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-MEPA skedat il-*Bus Shelter* li hemm fi Triq Nazzjonali, Ħamrun.

*5.18 Guardian Angel Special Needs School – Attivita' tat-2 ta' Ġunju 2012*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt attivita' li saret fl-iskola Guardian Angel, l-amministrazzjoni ta' l-istess skola qablet li tippartecipa fl-attivita' tal-Kunsill li ser issir nhar is-Sibt 2 ta' Ġunju billi studenti jeżebixu xogħol ta' stampar fuq basktijiet tad-drapp. Dawn ser ikunu għal-bejgħ waqt l-istess attivita'.

*5.19 Daniels Shopping Complex – Traffic Management*

Il-Kunsill ġie preżentat bi pjanta li tindika skema ta' *Traffic Management* propost għal quddiem *Daniels Shopping Complex*. Din il-proposta qed tiġi kunsidrata minn Transport Malta.

*5.20 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Donazzjoni*

Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jikkunsidra r-riklam ta' €25.00 fil-fuljet tal-Festa tal-Kunċizzjoni, t-€800.00 għat-trofej u ritratti għat-*Tony Bajada Memorial Tournament* u l-€230 għall-Isfilata tal-Karnival mill-1st Ħamrun Scout Group bħala donazzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lid-Dipartiment kif ġej:

- Il-Kunsill Lokali Ħamrun kien irċieva korrispondenza mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn il-Kunsill gie mistoqsi jekk iridx ipoġġi riklam bi ħlas fil-fuljett li tippubblika l-istess Għaqda fil-jiem tal-festa. Il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi riklam kif indikat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill kwotati. Għal dan is-servizz tar-riklam il-Kunsill kellu jħallas. Għaldaqstant dan il-ħlas mhux ikkunsidrat bħala donazzjoni iżda hlas għall-servizz ta' riklam (relazzjonijiet pubbliċi) tal-Kunsill.

- *It-Tony Bajada Memorial Tournament* organizzat mill-Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħamrun. Filwaqt li n-Nursery jipprovdu l-grawnd u l-personnel biex isir it-Tournament, il-Kunsill Lokali Ħamrun bħala wieħed mill-isponors ewlenin jipprovdi għat-trofej u *tokens*. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Ħamrun ma jikkunsidrax dan il-ħlas bħala donazzjoni iżda bħala kontribut tal-Kunsill fil-qasam sportiv, partikolarment għat-tkattir tal-isport tal-futbol qalb it-tfal fil-lokalita tal-Ħamrun.

- L-isfilata tal-Karnival li tiġi organizzata fil-Ħamrun bil-parteċipazzjoni tal-1st Ħamrun Scout Group hija attivita pubblika li ssir kull sena fil-Ħamrun. Din tinvolvi parata madwar numru ta' toroq fil-Ħamrun u li fiha jkunu jistgħu jipparteċipaw it-tfal kollha tal-Ħamrun, kif ukoll kompetizzjoni tal-isbaħ kostum. Il-Kunsill Lokali Ħamrun iqies din l-attivita bħala waħda mill-attivitajiet kulturali tal-lokal u b'hekk jikkontribwixxi għall-parti mill-ispejjeż involuti.

*5.21 Malta Libraries - Zjara mill-istudenti ta' l-iskejjel primarji*

Il-Kunsill ġie mistieden jieħu studenti mill-iskejjel primarji biex iżuru l-Librerija Nazzjonali. Il-Kunsill iddeċieda li jsaqsi lill-Kapijiet tal-iskejjel jekk kienux interessati f'din iż-żjara.

*5.22 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Konferenza Immaġina 18*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu Konferenza Immaġina 18 li ser issir fit-30 u fil-31 ta' Lulju 2012.

*5.23 MEUSAC – Laqgħa*

Il-Kunsill irċieva talba mill-MEUSAC biex tiltaqa mal-Kunsill. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tiġi riferuta lis-Sur C. Valletta.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku ppropona lis-Sur Tonio Bonello bħala membru fis-Sotto Kumitat li huwa *Chairperson* tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ġie nfurmat mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni li s-sena d-dieħla l-iskejjel fil-Ħamrun mhux ser jibqgħu bħala ċentri għall-eżamijiet.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien ma' Dr P. Mifsud Bonnici u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Uffiċċjali mis-Segretarjat għal-Kura tal-Anzjani rigward in-*Night Shelter* fil-Ħamrun. Waqt il-laqgħa ġie spjegat li s-Segretarjat mhux lest jonfoq madwar miljun ewro għan-*Night Shelter* fil-Ħamrun. Huma spjegaw ukoll li l-*policy* tal-Kurja kienet li fejn hemm sorijiet, in-*Night Shelter* tista' takkomoda nisa biss. Il-Kunsill kien ippropona li n-*Night Shelter* jintuża mill-Ħamrun u Kunsilli l-oħra tal-madwar. Sadanittant il-Kunsill iddeċieda li jivverifika jekk dan jistax jintuża biss minn nisa. F'każ li jkun jista' jintuża miż-żewġ sessi, il-Kunsill għandu jqabbad perit biex jagħmel stima.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Andrew Farrugia kien ser ikun imsiefer fil-ġimgħa ta' qabel is-27 ta' Ottubru 2012 għaliex ser jattendi fiera taċ-Ċikkulata fil-Belġju. Huwa vverifika mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar data oħra għall-Festival taċ-Ċikkulata. Ġie deċiż li din is-sena l-Festival taċ-Ċikkulata ssir is-Sibt 22 ta' Settembru 2012 għaliex dakinhar hemm biss attivita' f'Għawdex.

*6.2 Sotto Kumitat 2*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-kuntratturi tal-Knis, *Bulky Refuse* u Ġbir ta' Skart fil-preżenza tas-Sindku. Huwa spjega li ser isegwu l-iżviluppi fir-rigward dawn il-kuntratti. Ġie deċiż li l-*bins* li ġew provduti mill-Kumpanija GreenPak jitwaħħlu ħdejn l-iskejjel.

- Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir manutenzjoni tal-*bins*, bankijiet u arbli tad-dawl fi Pjazza Kappillan Muscat qabel il-Festa tal-Kunċizzjoni.

*6.3 Sotto Kumitat 5*

- Dr. P. Mifsud Bonnici ippreponiet lis-Sur Gaetano Cuschieri u Dr. Johnaton Abela bħala membri fis-Sotto Kumitat li hija *Chairperson* tiegħu.

  Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- Dr. P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Ispettur Daryl Borg mill-Għassa tal-Ħamrun. Waqt il-laqgħa ġew diskussi l-problemi relatati mat-traffiku waqt l-eżamijiet tal-Matsec, il-vetturi tad-*dealers* tal-karozzi, vandaliżmu fil-ġonna kif ukoll il-problema tad-droga fil-latrini pubbliċi.

*6.4 Sotto Kumitat 7*

Is-Sur G. Cuschieri ippropona lis-Sur Gary Camilleri bħala membru fis-sotto kumitat li huwa *Chairperson* tiegħu.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*6.5 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana ippropona lis-Sinjura Paula Mintoff bħala membru fis-sotto kumitat li huwa *Chairperson* tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- Is-Sindku ippropona lis-Sur Charlie Vella u s-Sur Sonny Sammut bħala membri fil-Bord Editorjali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett tal-Kunsill ser jibda jitqassam it-Tlieta 22 ta' Mejju 2012.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li ġie mfassal programm ta' laqgħat edukattivi dwar is-saħħa mal-Kumpanija Chemimart għal din is-sena. Huwa fakkar lill-Kunsill li l-laqgħa li jmiss ser issir is-Sibt 26 ta' Mejju 2012.

*6.6 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg ipproponit lis-Sinjura Veronica Cuschieri bħala membru fis-sotto kumitat li hija *Chairperson* tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat 3A u 3B (kopja tal-minuti mehmuża). Is-Sinjura Carmen Borg issuġġerit li l-Kunsill jibda jinnomina persuni biex jinħattru bħala President tal-Kunsilli Skolastiċi tal-iskejjel fil-Ħamrun.

Fit-8.25pm s-Sur Gaetano Cuschieri ġie skużat mill-laqgħa.

- Il-Kunsill approva li jikseb stima biex issir mappa tal-lokal u li fuqha jiġu mmarkati postijiet ta' interess.

Fit-8.30p.m, il-Kunsill approva unanimament li titkompla l-laqgħa tal-Kunsill.

## 7. Jum il-Ħamrun

- Ġie deċiż li l-Lejla Maltija li kellha ssir il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2012 issir is-Sibt 2 ta' Ġunju 2012 biex bħala mistieden speċjali jkun hemm il-kantant Kurt Calleja. Fl-attivita' ser jieħdu sehem Dulli u Veronica, Greenfields, Joe Demicoli, Kurt Calleja, Studio Dance College, Wild Strength Dancers u Gaia Cauchi. Ser ikun hemm ikel għal bejgħ minn Neriku Caterers.

- Ġie deċiż li Kurt Calleja u Gaia Cauchi jingħataw rikonoxximent għall-kontribut fil-qasam mużikali filwaqt li s-Sur Charles B. Spiteri u l-Familja Catania jingħataw rikonoxximent għall-kontribut fil-qasam letterarju.

## 8. Parkeġġ fi Triq id-Duka ta' Edinburgh

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija Parkwell sejħet laqgħa ma' numru ta' sidien tal-ħwienet fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-GRTU.

Waqt din il-laqgħa ġie propost li l-parti ta’ Triq id-Duka ta’ Edinburgh bejn il-Parkeġġ u Triq il-Kbira San Ġużepp issir *two-way*.

Is-Sindku spjega li f’laqgħa li saret ma’ Uffiċċjali minn *Transport Malta* jidher li mhux ser tkun problema biex din il-parti tat-triq issir *two-way.* Sadanittant Parkwell Ltd kienu lesti jipprovdu parkeġġ mingħajr ħlas lil dawk ir-residenti milquta meta jitneħħa il-parkeġġ minn din il-parti ta’ Triq id-Duka ta’ Edinburgh.

Dr. P. Mifsud Bonnici iddikjarat li ma taqbilx li din il-parti ta’ Triq id-Duka ta’ Edinburgh issir *two-way*.

Ġie deċiż li ssir talba formali lill-*Transport Malta* u r-risposta ta’ *Transport Malta* għandha tiġi diskussa mill-Kunsill qabel tiġi mplimentata.

## 9. Ittra ta’ Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b’kopja tal-*Audited Financial Statements*, l-Ittra ta’ Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali u r-risposta tal-Kunsill għall-istess Ittra ta’ Direzzjoni (kopja mehmuża ma’ dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni dettaljata mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra tal-Uditur.

## 10. Approvazzjoni tal-Business Plan 2012 - 2014

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b’kopja tal-*Business Plan* għall-perjodu 2012 sal-2014. (kopja mehmuża ma’ dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament il-*Business Plan*.

## 11. Ħwejjeġ oħra ta’ natura urġenti

*11.1 Tiswija ta’ dawl tat-triq*

Il-Viċi Sindku spjega li rċieva rapporti li qed ikun hemm dewmien fit-tiswija ta’ dawl tat-toroq u li l-Kunsill mhux qed ikun infurmat mill-kuntrattur meta dawn jitranġaw. Ġie deċiż li l-kuntrattur jintalab jibgħat feedback regolarment.

*11.2 Uniformijiet*

Il-Viċi Sindku staqsa jekk għandhomx jinxtraw l-uniformijiet għas-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li diġa nforma lill-iskrivani li kien qed jistenna li jgħaddi l-*probation period* tas-Sinjorina Abigail Calleja qabel jiġu ordnati l-uniformijiet tas-sajf.

*11.3 Proċeduri għal ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv*

Is-Sindku staqsa jekk kienitx teżisti xi proċedura awtomatika biex Skrivana (skala 15) issir Uffiċċjal Eżekuttiv (skala 13). Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien ivverifika li ma teżisti l-ebda mod ta' progressjoni awtomatika. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jikseb informazzjoni dwar il-proċedura mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex tkun tista ssir sejħa għal ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv.

Il-Viċi Sindku spjega li kien importanti li l-*postings* tal-*accounts* fis-sistema tas-*Sage* jibdew isiru mill-istaff tal-Kunsill biex jiġu frankati ħlas addizzjonali lill-*Accountant* tal-Kunsill. Ġie deċiż li nistenew risposta rigward il-proċedura biex Skrivana issir Uffiċċjal Eżekuttiv qabel jiġi deċiż liema persuna mill-istaff għandha tintbgħat titgħallem kif isiru l-*postings* tal-*accounts* fis-sistema tas-Sage.

## 12. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-17 ta' Mejju 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 10. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA